# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** _______________

**Taqsima A** Wieġeb dawn il-mistoqsijiet. **(10 marki)**

1. X'inhi parabbola?

_______________________________________________

2. Fejn twieled u għex Ġesù?

_______________________________________________

3. F'liema belt Ġesù ħa l-passjoni, il-mewt u rxoxta?

_______________________________________________

4. X'kien ix-xogħol ta' Żakkew?

_______________________________________________

5. F'liema ġurnata tal-ġimgħa l-Lhud jieqfu mix-xogħol f'ġieħ il-Mulej?

_______________________________________________

6. Għaliex il-Lhud iħarsu dan il-jum?

_______________________________________________

7. F'liema jum tal-ġimgħa l-Insara jiċċelebraw 'Jum il-Mulej'?

_______________________________________________

8. X'għandu jagħmel in-nisrani f'dan il-jum?

_______________________________________________

9. Semmi l-**erba'** Evanġelisti.

_______________________________________________

10. Fuq hiex jitkellmu l-Evanġelji ?

_______________________________________________

**Taqsima B** Qabbel kolonna **A** ma' kolonna **B** billi tniżżel in-numru fil-kaxxa t-tajba. **(10 marki)**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | Abraham | | wassal il-Patt t'Alla lill-Poplu Lhudi. |
| 2. | Ġakobb | | kien profeta li wassal il-messaġġ t'Alla lil-Lhud. |
| 3. | Ġużeppi, bin Ġakobb | | daħħal il-poplu Lhudi f'Kanghan. |
| 4. | Mosè | | kien l-ewwel sultan tal-Lhud. |
| 5. | Ġożwè | | għamel Ġerusalemm bħala l-belt kapitali. |
| 6. | Sawl | | bena tempju kbir lil Alla f'Ġerusalemm. |
| 7. | Samwel | | sar viċi-re ta' l-Eġittu. |
| 8. | David | | kien dejjem lest jobdi lil Alla f'kollox. |
| 9. | Salamun | | dilek lil David sultan. |
| 10. | Isaija | | kellu tnax-il tifel li minnhom ħarġu t-tnax-il tribù ta' Israel. |

**Taqsima Ċ** **(15-il marka)**

Matul ħajtu Ġesù ltaqa' ma' nies li ħabbewh u sofrew minħabba fih. Iżda kien hemm oħrajn li ma ridux jafu bih u saħansitra qatluh.

(a) F'din il-lista ta' hawn taħt issib nies li laqgħu lil Ġesù u oħrajn li ma laqgħuhx. Agħżilhom u iktibhom fil-kolonna **A** jew **B**.

*Pietru, il-Fariżej, Żakkew, Lażżru u ħutu, is-Sadduċej, Ġuda, il-qassisin il-kbar, l-għama ta' Silwam, il-Madalena.*

| A | B |
|---|---|
| **Dawk li laqgħuh** | **Dawk li ma laqgħuhx** |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

(b) Agħti **tliet** raġunijiet għaliex xi wħud laqgħu lil Ġesù waqt li oħrajn ħaduha kontrih.

1 ______________________________

2 ______________________________

3 ______________________________

**(25 marka)**

**Taqsima D** Fisser dawn is-sentenzi ta' Ġesù u għid x'għandek tagħmel biex tobdi kliemu.

(a) "Min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom". *(Mattew 10,43)*

**Fisser:** ______________________________

______________________________

**X'għandek tagħmel:** ______________________________

______________________________

(b) “Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi. Iżda int għid kelma biss u l-qaddej tiegħi jfiq.” *(Mattew 8,8)*

**Fisser:** ______________________________________________

______________________________________________

**X’għandek tagħmel:** ______________________________________________

______________________________________________

(ċ) “Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom.” *(Mattew 5,41)*

**Fisser:** ______________________________________________

______________________________________________

**X’għandek tagħmel:** ______________________________________________

______________________________________________

(d) “Ikun li trid int kif fis-sema hekda fl-art.” *(Mattew 6,10)*

**Fisser:** ______________________________________________

______________________________________________

**X’għandek tagħmel:** ______________________________________________

______________________________________________

(e) “Missier, aħfrilhom għax ma jafux x’inhuma jagħmlu.” *(Luqa 23,34)*

**Fisser:** ______________________________________________

______________________________________________

**X’għandek tagħmel:** ______________________________________________

______________________________________________

**Taqsima E** Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. **(25 marka)**

"Hekk kif temmew l-ikla ta' l-Għid, Ġesù u d-dixxipli kantaw is-salmi u ħarġu lejn l-għolja taż-Żebbuġ…Waslu fi ġnien, igħidulu Ġetsemani u Ġesù qal lid-dixxipli: "Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm immur hemmhekk nitlob." U ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, u beda jsewwed qalbu u jiddejjaq. Imbagħad qalilhom: "Għandi ruħi mnikkta għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru miegħi." *(Mattew 26,30.36-38)*

Wieġeb:

(a) Liema festa kienu qed jiċċelebraw Ġesù u l-appostli qabel ma ħarġu lejn l-għolja taż-Żebbuġ?

________________________________________

(b) Kif kienu jiċċelebraw il-Lhud din il-festa?

________________________________________

(ċ) X'għamel speċjali Ġesù dakinhar waqt din iċ-ċelebrazzjoni?

________________________________________

(d) Lil min ħa miegħu Ġesù fil-ġnien taż-Żebbuġ?

________________________________________

(e) Għaliex Ġesù kellu ruħu mnikkta għall-mewt?

________________________________________

(f) Fisser il-kliem ta' Ġesù: "*Missier, jekk jista' ikun biegħed minni dan il-kalċi! Iżda mhux kif irrid jien, iżda kif trid int.*"

________________________________________

________________________________________

(ġ) X'għandna nitgħallmu minn dan il-kliem ta' Ġesù?

________________________________________

________________________________________

(g) Kompli ikteb din il-ġrajja ta' Ġesù fil-ġnien taż-Żebbuġ sa ma ġie arrestat.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

(għ) Xi xtaqhom jagħmlu Ġesù lil dawk li kellu miegħu?

________________________________________

**(15-il marka)**

**Taqsima F** Ġesù għallem bil-parabboli. Agħżel **waħda** minn dawn il-parabboli, iktibha u ikteb ukoll x'tagħlima ried jagħti Ġesù b'din il-parabbola.

(a) Il-parabbola tax-xibka tal-ħut.

JEW

(b) Il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa.

JEW

(ċ) Il-bidwi li ħareġ jiżra'.